MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 101/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha George Attard abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess George Attard (815245(M)**

**vs**

**Andrew Anthony Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sbatax-lira Maltija (Lm417.00) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur George Attard assigurat tas-socjeta' attrici Fogg**

**Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u tnejn u disghin lira Maltija (Lm392.00), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess George Attard in linea ta'** ***excess payment*****, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Lulju 2004 ghall-habta ta' gewwa Burmarrad, bejn il-vettura propjeta' ta' l-attur George Attard, bin-numru ta' registrazzjoni BAH-738 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LAE-569, liema ncident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Citadel Insurance plc, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-7 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u tnejn u disghin lira Maltija (Lm392.00), u lill-attur Andrew Anthony Agius l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-20 ta' Jannar, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Citadel Insurance plc, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------